MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2012

Numru. 313/2011

Il-Pulizija
(Sp Therese Sciberras)
vs
Shawn Camilleri, iben Louis, imwieled Pieta' fl-10 ta' April, 1993, karta ta' l-identita numru 184193(M)
u
Naomi Tanti, bint Michael, imwielda Pieta' fit-12 ta' April, 1994

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputati talli f'dawn il-Gzejjer, fil-5 ta' Frar, 2011 fil-Mosta kkomettew serq ta' ħwejjeġ tal-valur ta' aktar minn €23.33 iżda anqas minn €1165 għad-dannu ta' terzi persuni liema serq hu kkwalifikat bil-valur.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputati ħallsu dak kollu dovut.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju, 2012 fejn l-imputati ammettew l-akkuża miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------